**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn l-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta numru 482 tad-29 ta' Mejju 2012**

Waqt is-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Mejju 2012, l-Onorevoli Tonio Borg, Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin qajjem punt ta' ordni dwar l-ammissibilità ta' emenda li tressqet mill-Onorevoli Michael Falzon għall-Mozzjoni 280 ppreżentata mill-Onorevoli Jose' Herrera u l-Onorevoli Michael Falzon dwar riformi fl-oqsma tal-ġustizzja u l-intern.

L-emenda li tressqet qiegħda tipproponi li fl-aħħar tat-test tal-mozzjoni, jiġifieri minnufih wara l-kliem "Għalhekk, din il-Kamra tiċċensura dan l-aġir u titlob li tintrefa' r-responsabbiltà politika għal dawn in-nuqqasijiet kbar" għandu jiżdied il-kliem: "u titlob għar-riżenja tal-Onorevoli Ministru Carmelo Mifsud Bonnici".

Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin qal li l-emenda li qiegħda tiġi proposta "tbiddel il-konklużjoni tal-Mozzjoni". Huwa kkwota mill-Erskine May, 22 edizzjoni, paġna 332 meta qal li "jekk il-mozzjoni kif proposta mbagħad "defers materially from the terms of the one of which notice has been given" dan jista' jsir biss bil-kunsens tal-Kamra kollha". Huwa indika li anki bl-oġġezzjoni tiegħu biss, ma hemmx kunsens tal-Kamra.

Il-Viċi Prim Ministru spjega li din l-emenda qiegħda tbiddel il-Mozzjoni b'mod materjali u mhux b'mod kożmetiku biss. Huwa qal li "l-konklużjoni tal-Mozzjoni hija ta' ċensura jiġifieri l-Mozzjoni hija rebuke. Jekk tara l-kelma "ċensura" x'inhi fis-sens tal-kelma bl-Ingliż, tfisser *an expression of strong disapproval* jew inkella *harsh criticism*. Dik hija d-definizzjoni tal-kelma "Ċensura". Tant din hija differenti, li qed tintalab, li qed issir emenda, għax li kieku ċ-ċensura tfisser l-istess ħaġa li qed jipproponi l-Onor. Falzon, ma kienx ikun hemm bżonn emenda. Hemm bżonn emenda għaliex issa qed tiġi proposta xi ħaġa differenti."

L-Onor Tonio Borg kompla jgħid li "meta wieħed jemenda b'mod materjali allura dik trid il-kunsens tal-Kamra ġaladarba ma saritx qabel ma ġiet ippreżentata. Għax ara li kieku saret qabel ma beda d-dibattitu, dak mod ieħor. Imma ġaladarba beda d-dibattitu u ġiet proposta l-Mozzjoni, addirittura nqrat kollha u beda d-dibattitu, allura jistgħu jsiru emendi imma mhux ta' dan it-tip.".

L-Onor Anġlu Farrugia qal li l-proċedura fil-Kamra dejjem kienet li l-emendi jsiru f'kull stadju tal-mozzjoni u għaldaqstant is-Sedja għandha taqbad u titlob minn qed jissekonda l-emenda u d-diskussjoni tkompli. L-Onor Farrugia qal ukoll li dak li jipproponi l-Mozzjoni "għandu kull dritt iressaq emenda għall-Mozzjoni tiegħu stess".

Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin irrimarka wkoll li ġaladarba din hija kwistjoni ta' ammissibilità, l-ewwel irid jingħata *ruling* dwar l-ammissibilità qabel l-emenda tiġi sekondata.

L-Onor Farrugia ġibed l-attenzjoni tas-Sedja li "li kienu diversi l-okkażjonijiet fejn kemm il-Viċi Prim Ministru kif ukoll il-Prim Ministru hawn preżenti ressqu emendi għal mozzjonijiet f'dan il-Parlament, mhux darba, f'diversi okkażjonijiet u qatt ma ntalab li jkun hawn il-kunsens tal-Kamra" Huwa qal ukoll li l-proponent tal-mozzjoni għandu d-dritt li jressaq emenda għal mozzjoni tiegħu stess.

L-Onorevoli Franco Debono intervjena u argumenta li t-talba għar-riżenja ma tibdel xejn minn fejn il-mozzjoni titlob iċ-ċensura.

Dwar permess mill-Kamra fil-każ ta' tressiq ta' emenda, s-Sedja tirrileva li l-Ordnijiet Permanenti jagħmlu riferenza biss għal meta emenda tkun trid tiġi rtirata.

L-Ordni Permanenti 39 jgħid hekk:

*"Mozzjonijiet jew emendi jistgħu jiġu rtirati*

**39.** Membru li jkun għamel emenda jew mozzjoni jista' jirtirahom bil-permess tal-Kamra li jiġi deċiż mingħajr emenda jew diskussjoni. Meta tiġi proposta emenda għal mozzjoni, il-mozzjoni oriġinali ma tistax tiġi rtirata qabel ma tiġi trattata l-emenda."

Fl-Ordni Permanenti 2 insibu fid-definizzjoni ta' "mozzjoni" li din tinkludi wkoll "emenda".

L-Ordni Permanenti 43 jitkellem dwar il-mod ta' għemil ta' proposta u tqegħid ta' mozzjoni u jgħid hekk: .

*"Mod ta' għemil ta' proposta u tqegħid ta' mozzjoni*

**43.** (1) Meta ssir mozzjoni, u, jekk meħtieġ sekondata, l-iSpeaker jew il-President jipproponi l-kwistjoni għall-konsiderazzjoni, u, wara diskussjoni (jekk ikun hemm), iqegħdha għad-deċiżjoni tal-Kamra jew tal-kumitat."

Dwar dan id-Sedja tinnota li fl-Ordni Permanenti 43 imkien ma nsibu li tali mozzjoni jew emenda tenħtieġ il-permess tal-Kamra.

Is-Sedja tinnota wkoll li s-setgħa li tintlaqa' emenda qiegħda f'idejn il-persuna li tkun qiegħda tippresjedi. Dan joħrog mill-Ordni Permanenti Numru 44 li jgħid hekk:

*"Setgħa ta' għażla*

**44.** Dwar kull mozzjoni jew kull abbozz ta' liġi taħt konsiderazzjoni f'kumitat *l-iSpeaker* jew il-President tal-Kumitati jkollu setgħa li jagħżel l-emenda jew il-klawsoli ġodda biex jiġu proposti, u jista' jsejjaħ kull Membru li jkun ta avviż ta' emenda biex jagħti dik l-ispjegazzjoni tas-suġġett tal-emenda biex biha jkun jista' jifforma ġudizzju dwarha."

Biex din l-Ordni tiftiehem aħjar is-Sedja għamlet riferenza għall-Erskine May Edizzjoni 23 paġna 398 li jgħid hekk:

"The Speaker has the power, under Standing Order 32, to select amendments for debate. Thus, although an amendment may be in order, it may not be moved if the Chair has declined to select it."

Min dan joħroġ li, fin-normalitá, is-setgħa tal-għażla ta' emenda hija tas-Sedja u mhix soġġetta għall-permess tal-Kamra.

Dan iżda ma jfissirx li mhemmx okkażjonijiet meta emenda jkollha bżonn il-permess tal-Kamra. Wieħed minn dawn l-eżempji huwa dak ikkontemplat fl-Ordni Permanenti 39. Hija prassi wkoll stabbilità li jintalab permess anki meta emenda ma titressaqx fil-ħin opportun. Huwa wkoll minnu li l-Erskine May jindika, kif qal l-Onorevoli Tonio Borg li: *"If a motion is proposed which differs materially from the terms of the one of which notice has been given, it can be made only with the consent of the House, or after a new notice has been given.*

**Dwar *meta* emenda tista' titressaq, hija prassi kostanti li emenda li titressaq fit-tmiem tad-diskors tal-proponent, fil-fatt tkun tressqet fil-ħin opportun.**

Is-Sedja ħarset ukoll lejn l-emenda li qed tiġi proposta li titressaq u dan biex tapplika t-test jew testijiet li hija dovuta li tapplika biex tara jekk hijex aċċettabbli jew le.

Is-Sedja eżaminat il-prassi fil-Parlament tagħna dwar tressiq ta' emendi u rat l-argumentazzjonijiet mogħtija f'diversi rulings preċedenti.

Fis-Seduta 11 tas-7 ta' Jannar 1964, għar-rigward ta' mozzjoni ta' sfiduċja fl-Ispeaker, il-persuna li kienet qed tippresiedi ddeċidiet li tilqa' emenda li dawret dik il-mozzjoni f'waħda ta' fiduċja u dan abbażi ta' kwotazzjoni mill-Erskine May li tgħid hekk:

"The object of an amendment may be either to modify a question in such a way as to increase its acceptability, or to present to the House a different proposition as an alternative to the original question, the latter purpose may be effected by moving to omit all the words of the question after the first word "that", and to substitute in their place other words of a different import."

Fis-Seduta 221 tal-4 ta' April 1989, għar-rigward ta' mozzjoni ta' ringrazzjament għad-diskors tal-Aġent President, is-Sedja aċċettat emenda li infilzat fil-mozzjoni oriġinali kliem ta' stmerrija lill-Gvern tal-ġurnata għaliex, fil-frattemp, kien ittermina l-inkarigu tal-Aġent President u dan għaliex, fi kliem is-Sedja stess, "sakemm l-emenda hija rilevanti għas-suġġett, allura hija ammissibbli".

Is-Sedja dakinhar ikkwotat l-Ordni Permanenti 99 ta' dakinhar li hija l-istes O.P. 99 tal-lum, li jghid hekk:

*"Liema emendi jkunu ammessi.*

**99.** Għandha tiġi mogħtija direttiva lill-Kumitati kollha tal-Kamra li quddiemhom jistgħu jitressqu abbozzi ta' liġijiet li huma għandhom setgħa li jagħmlu fihom dawk l-emendi li jidhrilhom xierqa kemm-il darba jkunu rilevanti għas-suġġett tal-abbozz ta' liġi iżda jekk xi emenda bħal dawk ma jkunux skond it-titolu tal-abbozz ta' liġi għandhom jemendaw it-titolo skond hekk u jirrapportaw l-istess b'mod speċjali lill-Kamra".

Dan ifisser li s-Sedja dakinhar estrapolat it-test tar-rilevanza kif applikat għal Abbozzi ta' Liġi u applikatu għal każ ta' emenda ta' mozzjoni. Din is-Sedja tagħmel tagħha dan ir-raġunament

u żżid tgħid li la darba din ir-regola tapplika għal Abbozz ta' Liġi *multo magis* għandha tapplika għal mozzjonijiet.

Is-Sedja dakinhar kienet ukoll ikkwotat mill-Erskine May p387 19 l-edizzjoni ta' dak iż-żmien f'liema paġna hemm l-istess kliem kkwotati fid-deċiżjoni tas-Sedja tas-7 ta' Jannar 1964.

L-istess konsiderazzjoni ta' rilevanza ingħatat ukoll fis-Seduta 58 tad-19 ta' Ottubru 1992 għar-rigward ta' mozzjoni ta' sfiduċja fil-Ministru tal-Finanzi meta l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien kien rressaq emenda li tibdel din il-mozzjoni f'waħda ta' fiduċja. Quddiem l-argument li din l-emenda kienet tibdel il-konklużjoni tal-mozzjoni kompletament is-Sedja dakinhar reġgħet qalet hekk:

"Dan il-punt diġa' qam f'seduti preċedenti u jiena kont irruljajt fuqu u kont għidt li r-regola hi li emenda trid tkun rilevanti għas-suġġett, anki jekk ifisser li telimina l-kliem kollu tal-mozzjoni oriġinali u tħalli l-kelma "that" biss. L-Erskine May jghid li l-Ispeaker - u din hija l-kundizzjoni u l-unika diskrezzjoni li għandu l-iSpeaker - jiddeċiedi jekk l-emenda hijiex relevanti għas-suġġett li jkun qed jiġi diskuss. Jiena stess fil-passat kont tajt ruling f'dan is-sens u jidhirli li japplika għal dan il-każ ukoll"

Fil-fatt l-Erkine May fl-edizzjoni 23 f'pagna 400 jghid hekk:

"The fundamental rule that debate must be relevant to a question also means that every amendment must be relevant to the question to which it is proposed.

Stated generally, no matter ought to be raised in debate on a question which would be irrelevant if moved as an amendment, and no amendment should be used for importing arguments which would be irrelevant to the main question. ....".

Abbazi ta' dan ir-ruling jidher li l-iSpeaker għandu biss diskrezzjoni jekk jaċċettax emenda jew le skond jekk dik l-emenda tgħaddix jew le mit-test tar-rilevanza. U dan ukoll f'każ fejn il-konklużjoni indikata fl-emenda tkun dijametrikalment opposta ghal konkluzjoni fil-mozzjoni originali.

**Is-Sedja tħoss li l-emenda proposta hija rilevanti għal mozzjoni nnifisha.**

Minkejja dan, iżda, s-Sedja tħoss li għandha tirrileva li, fl-istess ruling, l-Ispeaker dakinhar kien ukoll ikkwota l-pagna 325 tal-edizzjoni 21 tal-Erskine May u fiha spjega l-proċedura li għandha tintuża f'każijiet ta' mozzjoni ta' sfiduċja f'membru parlamentari. Din trid issir f'forma ta' mozzjoni sostantiva u kkwota minn Erskine May li "Such matters cannot, therefore, be raised by way of amendment, or an adjournment motion".

Huwa kkonkluda hekk:

"Dan ifisser li mozzjoni ta' sfiduċja f'Membru Parlamentari, ma tistax titressaq billi tkun hi nnifisha emenda għal xi mozzjoni oħra imma għandha tkun mozzjoni sostantiva. Pero' dan ma jfissrix li ma tistax issir emenda għal dik il-mozzjoni sostantiva."

Skond l-Erskine May, emenda għall-mozzjoni sostantiva ta' dan it-tip tista' tiġi aċċettata. Li ma jistax isir huwa li mozzjoni ta' dan it-tip titressaq hi nnifisha bħala emenda għal xi mozzjoni oħra li ma tkunx il-mozzjoni sostantiva.

**Fil-każ odjern, kif jiġi diskuss ukoll aktar 'l isfel, huwa ċar, mill-kliem tal-mozzjoni oriġinali, li l-Kamra diġa għandha quddiemha mozzjoni sostantiva dwar ċensura tal-aġir ta' Membru Parlamentari li f'dan il-każ huwa Ministru. Li qed jiġi propost li titressaq hija emenda ghal din il-mozzjoni sostantiva. Huwa paċifiku li dan jista' jsir kif ukoll kien ikkonfermant mir-ruling li ngħata fis-Seduta 58 tad-19 ta' Ottubru 1992.**

Is-Sedja eżaminat ukoll l-argument tal-Onorevoli Tonio Borg li l-emenda proposta hija materjalment differenti mill-Mozzjoni nfisha u allura li għalhekk emenda ta' dan it-tip mhijiex aċċettabbli għax tirriżulta f'mozzjoni materjalment differenti minn dik li ġiet avżata.

Fi kliem l-Onor Borg dan l-argument huwa bbażat fuq li hemm differenza materjali bejn li l-Kamra ssejjaħ għal "ċensura" u li l-Kamra titlob għar-riżenja tal-Ministru Carmelo Mifsud Bonnici".

Is-Sedja ezaminat it-tifsira tal-kelma "ċensura". Fil-fatt id-definizzjoni li din il-kelma tingħata fid-dizzjunarju The Concise Oxford Dictionary hija ta' "express severe disapproval of"; u "formal disapproval" kif indikat mill-Onorevoli Tonio Borg. Iżda fid-dizzjunarju ta' Guze Aquilina Maltese-English Dictionary il-kelma "ċensura" tingħata t-tifsira ta' "censorship" u "condemnation". Inoltre wieħed għandu jinnota wkoll li fl-Erskine May 23 Ed paġni 329-330 il-kliem "Censure Motions" li kienu jidhru f'edizzjonijiet preċedenti nbidlu fil-kliem "Confidence Motions" filwaqt li l-kumment rilevanti taħt l-istess kliem huwa essenzjalment l-istess bħal dak ta' paġna 303 tal-17 Edizzjoni.

Is-Sedja tħoss iżda li mhux biżżejjed li wieħed iqis it-tifsira tal-kelma "ċensura" waħedha. Trid tar l-kuntest kollu tal-mozzjoni. Fil-fatt fl-istess sentenza aħħarija tal-Mozzjoni l-Kamra hija mitluba li "Tiċċensura dan l-aġir u titlob li tintrefa' r-responsabbiltà politika".

Is-Sedja hija tal-opinjoni li tali talba li tintrefa' r-responsabbiltà politika taċ-ċensura tal-Kamra tinkludi t-talba għar-riżenja ta' min jerfa' r-responsabbiltà ta' din iċ-ċensura u li l-kliem li qed jiġi propost li jiżdiedu fil-Mozzjoni diga' huma impliciti fil-kliem "tiċċensura dan l-aġir u titlob li tintrefa' r-responsabbilta' politika". Semmaj, it-talba speċifika għar-riżenja fil-proposta ta' emenda taħt konsidrazzjoni qed tistqarr b'mod espliċitu dak li kien impliċitu fil-kliem oriġinali tal-mozzjoni.

**Is-Sedja għalhekk tiddeċiedi li din l-emenda għal mozzjoni sostantiva ta' sfiduċja hija rilevanti għall-mozzjoni u mhijiex materjalment qed tibdel it-termini tal-mozzjoni kif avżata. Allura l-emenda hija ammissibbli.**